570

**Mozzjoni Parlamentari**

Billi fis-27 ta' Jannar ta' kull sena pajjiżna jieqaf biex ifakkar Jum il-Memorja, ix-*Shoah*;

Billi jfakkar il-miljuni ta' persuni Lhud, intellettwali, Kattoliċi, omosesswali li ġew maqtula fil-kampijiet tal-konċentrament Nażi-Faxxisti li l-ħtija unika tagħhom kienet ir-razza u l-ideat tagħhom;

Billi fil-Kodiċi Kriminali, fl-artikoli 82A et seq hemm id-dispożizzjonijiet u provvedimenti li jirregolaw atti ta' vjolenza u mibgħeda razzjali;

Billi pajjiżna huwa firmatarju tal-*International Convention on the Elimination of all forms of Racial Discrimination* (CERD), fejn l-artikolu 4 jikkundanna kull forma ta' propaganda jew organizzazzjoni bażata fuq is-superjorità tar-razza jew grupp ta' persuni;

Billi mill-2012, fil-Kamra tad-Deputati ilha ssir kommemorazzjoni qasira ta' dan, b'diskorsi miż-żewġ naħat tal-Kamra u mis-Sedja;

Billi fid-19 ta' Ġunju 2018 ġie ffirmat *Memorandum of Understanding* bejn il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol u Yad Vashem, The World Holocaust Remembrance Center, fejn pajjiżna ntrabat li jikkommemora sew il-Jum tal-Memorja permezz ta' tifkira sinjifikanti (*meaningful commemoration*);

Billi huwa mill-iktar xieraq li l-pajjiż ifakkar dak li ġara u jassigura li tingħata l-informazzjoni kollha u l-għarfien sħiħ ta' dak li ġara;

Jipproponi li jiġi preparat, provdut u mgħoddi Abbozz ta' Liġi li fih:

l-ewwel: ir-Repubblika ta' Malta tirrikonoxxi ufficjalment u solenement l-Jum tas-27 ta' Jannar bħala l-Jum tal-Memorja sabiex titfakkar ix-Shoah;
it-tieni: li jkun hemm il-kundanna, u dan bl-introduzzjoni ta' delitt speċifiku fil-Kodiċi Kriminali tagħna permezz ta' artikolu ad hoc li jipprojbixxi li jkun hemm liġijiet li b'xi mod jirriflettu jew ikunu qegħdin effettivament ikunu ta' persekuzzjoni għar-razza Lhudija jew kwalunkwe razza oħra;
it-tielet: li fl-okkażjoni ta' Jum il-Memorja, jkun hemm Seduta Parlamentari sħiħa dedikata għal dan il-Jum, li fiha jsir dibattitu bl-opportunità li jinġiebu kelliema li jfakkru direttament dak li ġara;
ir-raba': li Jum tal-Memorja jiġi mfakkar fl-iskejjel ta' pajjiżna;
u l-ħames: li fuq skala nazzjonali jsiru żewġ attivitajiet, waħda f'Malta u l-oħra f'Għawdex, fejn isiru diskorsi u tifkiriet sabiex dak li seħħ ma jerġa' qatt jirrepeti ruħu, u l-aġir razzista Nażi-Faxxista jiġi kkundannat.

Onor. David Agius

Onor. Robert Cutajar

Onor. Carmelo Mifsud Bonnici

15/7/21